A.L. 69 ta' l-1995

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1995 li jissostitwixxu l-Ħames Skeda li tinsab ma l-Att dwar Taxxa fiq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li jissostitwixxu l-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda ma' l-Att.

Jissostitwixxi l-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att.

2. Minflok il-Ħames Skeda li tinsab ma'l-Att għandu jidħol dan li ġej:

"IL-ĦAMES SKEDA

Provvisti suġġetti għar-rata speċifika fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 19

Artikolu 19 (b)

1. (1) Il-provvista ta' ikel li jkun tajjeb għall-konsum immedjat, sew jekk dak l-ikel jiġi kunsmat fil-post fejn ikun provdut sew jekk le, li jikkonsisti fi:

(a) ikliet jew *snacks*;

(b) ġelat jew prodotti li jkun fihom il-ġelat barra minn *family packs*, u *lollipops* tas-silġ;

iżda esklużi:

(i) il-provvista ta' ikel fi *club* li jservi ikel esklussivament lill-membri u mistednin tagħhom;

(ii) il-provvista ta' ikel minn *canteen* li jkun jinsab f'*area* ta' xogħol jew studju u li jiġi esklussivament servut lil ħaddiema jew studenti f'dak il-post.

(2) Għall-finijiet tal-paragrafu (1) ta' din il-partita —

(a) "ikliet jew *snacks*" tfisser u tinkludi:

(i) ikliet sħan jew kesħin inklużi *antipasto* u dežerta;

(ii) *sandwiches, toast, chips* tal-patata, *sausage rolls, pizza,* pastizzi, qassatat u *snacks* simili;

(iii) gallettini, kejkijiet, ħelu u oġġetti simili, iżda esklużi dawk siġillati f'pakketti mill-manifattur u provduti f'dak il-pakkett siġillat oriġinali, u dawk l-oġġetti li kull wieħed waħdu jiżen 500 gramma jew aktar;

(b) "*family packs*" tfisser ġelati ta' volum ta' mhux anqas minn 500 millilitru;

(ċ) "membri" tfisser persuni li jkunu soċji ta' *club* u li jkollhom il-miżata tagħhom imħallsa bil-quddiem għal perijodu ta' mhux anqas minn sena u li isimhom ikun jidher fuq il-kotba jew reġistri tal-*club*;

(d) "mistednin" tfisser persuni li jkunu akkumpanjati minn xi membru waqt li jkun fil-*club*.

2. Il-provvista ta' servizzi ta' *catering* u *outside catering*.

3. (1) Il-kiri ta' jew il-provvista ta' akkommodazzjoni f'xi fond li, għall-għan ta' dik il-kirja jew akkommodazzjoni jew għall-għan ta' l-użu li għalih tkun saret dik il-kirja jew provvista ta' akkommodazzjoni, ikun jeħtieġ li jkollu liċenzja bis-saħħa ta' l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel jew ta' l-Att dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala.

(2) Il-kiri ta' jew il-provvista ta' akkommodazzjoni ġewwa *holiday camp* jew *camping site*.

(3) Il-provvista ta' servizzi lill-persuni provduti b'akkommodazzjoni f'kull fond, *holiday camp* jew *camping site*, li għalih jirreferi il-paragrafu (1) jew (2) ta' din il-partita, meta dawk is-servizzi jkunu jikkonsistu f'faċilitajiet li jiġu provduti f'dak l-istess fond, *holiday camp* jew *camping site*.